FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

23 ta' Frar 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tmienja u Sittin (68) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tmienja u Sittin (68) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Gimgha 17 ta' Frar 2012 fl-4.00pm.**

It-Tmienja u Sittin (68) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2011
5. Approvazzjoni tal-Financial Estimates 2012
6. Ħwejjeg Oħra
7. Aggornament tal-laqgħa

Ghat-Tmienja u Sittin (68) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv.**

**It-Tmienja u Sittin (68) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana bdiet fl-16.30pm minhabba nuqqas ta' kworum.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

**Nota: 16:32 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sebgha u sittin (67) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-materja nru. 5.0 li ghandha taqra "*Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah l-offerti fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.*"

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici Sindku, u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Il-Kunsill qabel unanimant li din il-materja tinqabez peress li ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Fl-assenza tas-Sindku, ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

**Il-Kunsill irrisolva Ruhu f'Kumitat tal-Finanzi, u talab lil-Accountant tal-Kunsill jaghti spjegazzjoni dwar ir-Rapport Finanzjarju.**

**Nota: 16:40 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

## 4.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2011

4.1 Wara li gie diskuss ir-rapport finanzjarju, Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex dan ir-rapport finanzjarju jigi approvat.

4.2 Ittiehed vot favur il-mozzjoni, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ir-rapport finanzjarju ghas-sena finanzjarja 2011 gie unanimament approvat u ghaldaqstant jista' jintbaghat lill-Awditur Generali.

## 5.0 Approvazzjoni tal-Financial Estimates 2012

5.1 Il-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jipprezenta l-Estimi Annwali 2012 u l-Pjan ta' Hidma ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

5.2 Wara diskussjoni dwar l-Estimi Annwali 2012 u l-Pjan ta' Hidma, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni taghhom. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, FD, NH, VB, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 6.0 Ħwejjeġ Oħra

6.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghac-cekk pagabbli lil Dion Galea ghal xoghol ta' bankini f'Balzunetta u saqsa jekk dan ic-cekk kienx inzamm sakemm ix-xoghol jitlesta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li c-cekk kien inghata lil Kuntrattur minhabba li kien infurmat li ix-xoghol tlesta.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kwistjoni tas-sink tal-Floriana Senior Citizens u nforma li kien hemm bzonn li din is-sitwazzjoni tigi rimedjata. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur li s-sink kellu jitwahhal sa mhux iktar tard min-nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2012.

## 7.0 Aġġornament tal-laqgħa

7.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012 fit-3.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-18.00.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv